REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1175

tas-7 ta' Lulju 2022

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni sabiex jiġu implimentati s-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2022 fil-Kawżi Maqgħuda T-30/19 u T-72/19, fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1690

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament anti-dumping bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament anti-sussidji bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Adozzjoni ta' miżuri

(1) Fl-4 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ("il-Kummissjoni") adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/683 ([3]) li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-Regolament proviżorju').

(2) Fit-18 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 ([4]) li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(3) Fit-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1690 ([5]) li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/683 tal-4 ta' Mejju 2018 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 116, 7.5.2018, p. 8).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 263, 22.10.2018, p. 3).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorji impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).

1.2. **Is-Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea**

(4) Iċ-China Rubber Industry Association (CRIA) u ċ-China Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers & Exporters (CCCMC) ippreżentaw rikorsi għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali fejn ikkontestaw il-legalità tar-regolamenti kontenzjużi.

(5) Is-CRIA u s-CCCMC qajmu diversi lmenti kontra r-regolamenti inkwistjoni u l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq tnejn minnhom: (i) in-nuqqas tal-Kummissjoni li twettaq tqabbil ġust tal-prezzijiet fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-marġnijiet tad-dannu, u (ii) ċerti lmenti li jallegaw, essenzjalment, inkonsistenzi u ksur tad-drittijiet tad-difiża fir-rigward tal-indikaturi tad-dannu u l-ponderazzjoni tad-*data* mill-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni.

(6) Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha fil-kawżi T-30/19 u T-72/19, fejn annullat kemm ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 (anti-dumping) kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1690 (antisussidji).

(7) Rigward il-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz, il-Qorti Ġenerali sabet li l-Kummissjoni wettqet tqabbil inġust meta għamlet aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni - it-tnaqqis tal-SG&A tal-importatur relatat u profitt nozzjonali - meta l-bejgħ sar permezz ta' negozjant relatat fl-Unjoni. Il-Qorti nnutat li l-produtturi tal-Unjoni għamlu wkoll xi bejgħ permezz ta' entitajiet relatati, u l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom ma ġewx aġġustati. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezzijiet imwettaq mill-Kummissjoni fir-regolamenti kkontestati kien ivvizzjat bi żball ta' liġi u bi żball manifest ta' evalwazzjoni u li, konsegwentement, dan il-kalkolu kiser l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament bażiku antisussidji. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sabet li l-iżbalji kellhom impatt fuq is-sejbiet globali tad-dannu u tal-kawżalità kif ukoll fuq il-marġnijiet tad-dannu, u li ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat preċiżament sa liema punt id-dazji antidumping u kumpensatorji definittivi inkwistjoni baqgħu parzjalment fondati. Għaldaqstant, ir-regolamenti li jimponu dawn id-dazji fuq ir-rikorrenti ġew annullati.

(8) Fir-rigward tat-tieni punt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx eżami oġġettiv (kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament anti-dumping bażiku u mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament anti-sussidji bażiku) peress li, billi ma rrevedietx il-kalkoli tal-indikaturi mikroekonomiċi kollha minbarra l-profittabbiltà, u billi ma indikatx iċ-ċifri riveduti fir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ma użatx id-*data* rilevanti kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sabet ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma qablitx li xi informazzjoni li ma ġietx żvelata lill-partijiet setgħet titqies kunfidenzjali, u sabet li d-data kollha inkwistjoni kienet "marbuta ma' sejbiet ta' fatt fir-regolament ikkontestat". Għalhekk, kienu "fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali" li kellhom jiġu żvelati lill-partijiet.

(9) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti Ġenerali annullat ir-regolament anti-dumping inkwistjoni sa fejn kienu kkonċernati l-kumpaniji rrappreżentati minn CRIA u CCCMC (elenkati fl-Anness I).

(10) Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali annullat ir-regolament anti-sussidju inkwistjoni sa fejn kienu kkonċernati l-kumpaniji rrappreżentati minn CRIA u CCCMC (elenkati fl-Anness II).

2. **RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI**

(11) Il-Kummissjoni analizzat jekk huwiex xieraq li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għal reġistrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

(12) L-Artikolu 266 tat-TFUE jistipula li l-istituzzjonijiet iridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qrati. Fil-każ ta' annullament ta' att adottat mill-Istituzzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva, bħall-investigazzjonijiet anti-dumping jew antisussidji, il-konformità mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikkonsisti fis-sostituzzjoni tal-att annullat b'att ġdid, li fih l-illegalità identifikata mill-Qorti tiġi eliminata ([6]).

([6]) Il-kawżi magħquda 97, 193, 99 u 215/86 Asteris AE u oħrajn u r-Repubblika Ellenika vs il-Kummissjoni [1988] Ġabra 2181, il-punti 27 u 28; u l-Kawża T-440/20 Jindal Saw vs il-Kummissjoni Ewropea, EU:T:2022:318.

(13) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għas-sostituzzjoni tal-att annullat tista' tissokta fil-punt eżatt li fih saret l-illegalità ([7]). Dan jimplika b'mod partikolari li, f'sitwazzjoni fejn att li jikkonkludi proċedura amministrattiva jiġi annullat, l-annullament mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, bħall-ftuħ tal-proċedura anti-dumping. F'sitwazzjoni fejn, pereżempju, Regolament li jimponi miżuri anti-dumping definittivi jiġi annullat, dan ifisser li wara l-annullament, il-proċediment anti-dumping ikun għadu miftuħ, minħabba li l-att li jikkonkludi l-proċediment anti-dumping ikun sparixxa mill-ordni legali tal-Unjoni ([8]), ħlief jekk l-illegalità tkun saret fl-istadju tal-bidu.

(14) Kif spjegat fl-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid, u peress li l-illegalità ma seħħitx fl-istadju tal-bidu iżda fl-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji sa fejn dawn jikkonċernaw il-kumpaniji elenkati fit-Taqsima 1.2 hawn fuq, u reġgħet bdiethom fil-punt li fih seħħet l-irregolarità.

(15) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva u l-impożizzjoni mill-ġdid eventwali tad-dazji ma jistgħux jitqiesu bħala kuntrarji għar-regola ta' nonretroattività ([9]). L-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid informa lill-partijiet interessati, inklużi l-importaturi, li kull responsabbiltà fil-ġejjieni, jekk tkun meħtieġa, tkun ġejja mis-sejbiet tal-eżami mill-ġdid.

(16) Abbażi tas-sejbiet il-ġodda tagħha u tal-eżitu tal-investigazzjonijiet li reġgħu nfetħu, li f'dan l-istadju mhuwiex magħruf, il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti li jirrevedu, fejn meħtieġ, ir-rati tad-dazju applikabbli. Dawn ir-rati ġodda riveduti, jekk ikun hemm, jidħlu fis-seħħ mid-data li fiha r-regolamenti inkwistjoni jidħlu fis-seħħ.

(17) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jistennew l-eżitu tar-rieżami qabel ma jiddeċiedu dwar kwalunkwe talba għal ħlas lura li tikkonċerna d-dazji anti-dumping u/jew kumpensatorji annullati mill-Qorti Ġenerali. B'hekk l-awtoritajiet doganali huma ordnati li jissospendu kwalunkwe pretensjoni għar-rimborż tad-dazji annullati sakemm l-eżitu tar-rieżami jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(18) Barra minn hekk, jekk l-investigazzjonijiet tal-ftuħ mill-ġdid iwasslu għall-impożizzjoni mill-ġdid tal-miżuri, id-dazji jenħtieġ li jinġabru wkoll għall-perjodu li matulu jitwettqu l-investigazzjonijiet tal-ftuħ mill-ġdid.

(19) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li r-reġistrazzjoni hija għodda pprovduta fl-Artikoli 14(5) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament anti-sussidji bażiku sabiex sussegwentement il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati kontra l-importazzjonijiet mid-data tar-reġistrazzjoni ([10]). F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġu rreġistrati l-importazzjonijiet li jikkonċernaw il-kumpaniji elenkati fit-Taqsima 1.2 hawn fuq bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-ġbir tad-dazji anti-dumping u kumpensatorji ladarba l-livelli tagħhom jiġu riveduti f'konformità mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali ([11]).

(20) F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([12]), għall-kuntrarju tar-reġistrazzjoni li sseħħ matul il-perjodu qabel l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 16(4) tar-Regolament antisussidji bażiku mhumiex applikabbli għal dan il-każ. Tabilħaqq, l-għan tar-reġistrazzjoni fil-kuntest ta' implimentazzjoni tal-Qorti mhuwiex li jippermetti l-ġbir retroattiv

([7]) Il-Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, il-punt 31; Il-Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs Il-Kunsill [2000] I-8147, il-punti 80 sa 85; Il-Kawża T-301/01 Alitalia vs il-Kummissjoni [2008] II-1753, il-punti 99 u 142; il-kawżi magħquda T-267/08 u T-279/08 Région Nord-Pas de Calais vs il-Kummissjoni [2011] II-0000, il-punit 83.

([8]) Il-Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, il-punt 31; Il-Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs Il-Kunsill [2000] I-8147, il-punti 80 sa 85.

([9]) Il-kawża C-256/16 Deichmann SE vs Hauptzollamt Duisburg, Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, punt 79 u l-Kawża-612/16 C & J Clark International Ltd vs. Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs, sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, punt 5.

([10]) Il-kawża T-440/20 Jindal Saw vs Il-Kummissjoni Ewropea, EU:T:2022:318, il-paragrafi 154–159.

([11]) Innota li, fir-rigward tal-produttur esportatur Zhongce Rubber Group Co., Ltd, dan japplika biss għar-responsabbiltà tad-dazju kumpensatorju inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali ma annullatx ir-regolament anti-dumping fil-konfront ta' din il-kumpanija u, għalhekk, id-dazji anti-dumping għad iridu jinġabru fir-rigward ta' Zhongce Rubber Group Co.

([12]) Il-kawża C-256/16 Deichmann SE vs Hauptzollamt Duisburg, il-paragrafu 79 u l-Kawża C-612/16, C & J Clark International Ltd vs il-Commissioners for Her Majesty' s Revenue & Customs, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, il-punt 58.

possibbli ta' miżuri ta' difiża tal-kummerċ kif previst f'dawk id-dispożizzjonijiet. L-għan huwa pjuttost li tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-miżuri fis-seħħ, mingħajr interruzzjoni żejda mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti inkwistjoni sal-impożizzjoni mill-ġdid tad-dazji kkoreġuti, billi jiġi żgurat li l-ġbir ta' miżuri fl-ammont korrett ikun possibbli fil-futur.

(21) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien hemm raġunijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament antisussidji bażiku.

3. **REĠISTRAZZJONI**

(22) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat mill-kumpaniji elenkati fit-Taqsima 1.2 hawn fuq iridu jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni ([13]).

(23) Kif indikat fl-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid, l-obbligazzjoni finali għall-ħlas ta' dazji anti-dumping u kompensatorji, jekk ikun hemm, mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti anti-dumping u antisussidji inkwistjoni toħroġ mis-sejbiet tar-rieżaminazzjoni.

(24) L-ebda dazji ogħla mid-dazji stabbiliti fir-regolamenti inkwistjoni ma jistgħu jinġabru għall-perjodu bejn il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-ftuħ mill-ġdid u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet Doganali għandhom, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u prodotti mill-kumpaniji elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet Doganali għandhom, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037 jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u prodotti mill-kumpaniji elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Ir-rati tad-dazji antidumping u kumpensatorji li jistgħu jinġabru fuq ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10) u prodotti mill-kumpaniji elenkati fl-Anness I u fl-Anness II ta' dan ir-Regolament bejn il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet ma għandhomx jaqbżu dawk imposti mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 u (UE) 2018/1690.

5. L-awtoritajiet doganali nazzjonali għandhom jistennew il-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti li jimponi mill-ġdid id-dazji qabel ma jiddeċiedu dwar il-pretensjoni għall-ħlas lura u r-remissjoni tad-dazji anti-dumping u/jew kumpensatorji sa fejn huma kkonċernati l-importazzjonijiet tal-kumpaniji elenkati fl-Anness I u l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([13]) Innota li, fir-rigward tal-produttur esportatur Zhongce Rubber Group Co., Ltd, dan japplika biss għar-responsabbiltà tad-dazju kumpensatorju inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali ma annullatx ir-regolament anti-dumping fil-konfront ta' din il-kumpanija u, għalhekk, id-dazji anti-dumping għad iridu jinġabru fir-rigward ta' Zhongce Rubber Group Co.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Lista ta' kumpaniji affettwati mill-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 (anti-dumping):

Isem il-kumpanija	Kodiċi TARIC addizzjonali
Chaoyang Long March Tyre Co., Ltd.	C338
Triangle Tyre Co., Ltd.	C375
Shandong Wanda Boto Tyre Co., Ltd.	C366
Qingdao Doublestar Tire Industrial Co., Ltd.	C347
Ningxia Shenzhou Tire Co., Ltd.	C345
Guizhou Tyre Co., Ltd.	C340
Aeolus Tyre Co., Ltd	C877 ([1])
Shandong Huasheng Rubber Co., Ltd.	C360
Chongqing Hankook Tire Co., Ltd	C334
Prinx Chengshan (Shandong) Tire Co., Ltd.	C346
Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd	C334
Shandong Linglong Tire Co., Ltd	C363
Shandong Jinyu Tire Co., Ltd	C362
Sailun Group Co., Ltd	C351
Shandong Kaixuan Rubber Co., Ltd.	C353
Weifang Yuelong Rubber Co., Ltd	C875 ([2])
Weifang Shunfuchang Rubber And Plastic Products Co., Ltd.	C377
Shandong Hengyu Science & Technology Co., Ltd.	C358
Jiangsu General Science Technology Co., Ltd.	C341
Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd	C878 ([3])
Hefei Wanli Tire Co., Ltd	C876 ([4])
Giti Tire (Anhui) Company Ltd	C332
Giti Tire (Fujian) Company Ltd	C332
Giti Tire (Hualin) Company Ltd	C332
Giti Tire (Yinchuan) Company Ltd	C332
Qingdao GRT Rubber Co., Ltd.	C350

([1]) Fir-Regolamenti inkwistjoni, il-kodiċi addizzjonali TARIC C333 jidentifika l-produtturi esportaturi li ġejjin:

Aeolus Tyre Co., Ltd;
Aeolus Tyre (Taiyuan) Co., Ltd;
Qingdao Yellow Sea Rubber Co., Ltd;
Pirelli Tyre Co., Ltd
Kodiċi addizzjonali TARIC ġdid huwa assenjat lil Aeolus Tyre Co., Ltd għar-reġistrazzjoni.

([2]) Fir-Regolamenti inkwistjoni, Weifang Yuelong Rubber Co., Ltd hija marbuta mal-kodiċi addizzjonali TARIC C999.

([3]) Fir-Regolamenti inkwistjoni, il-kodiċi addizzjonali TARIC C371 jidentifika l-produtturi esportaturi li ġejjin:

Shanghai Huayi Group Corp. Ltd
Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd.
Kodiċi addizzjonali TARIC ġdid huwa assenjat lil Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd għar-reġistrazzjoni.

([4]) Fir-Regolamenti inkwistjoni, Hefei Wanli Tire Co. Ltd hija marbuta mal-kodiċi addizzjonali TARIC C999.

ANNESS II

Lista ta' kumpaniji affettwati mill-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1690 (anti-sussidji)

Isem il-kumpanija	Kodiċi TARIC addizzjonali
Chaoyang Long March Tyre Co., Ltd.	C338
Triangle Tyre Co., Ltd.	C375
Shandong Wanda Boto Tyre Co., Ltd.	C366
Qingdao Doublestar Tire Industrial Co., Ltd.	C347
Ningxia Shenzhou Tire Co., Ltd.	C345
Guizhou Tyre Co., Ltd.	C340
Aeolus Tyre Co., Ltd	C877 ([1])
Shandong Huasheng Rubber Co., Ltd.	C360
Chongqing Hankook Tire Co., Ltd	C334
Prinx Chengshan (Shandong) Tire Co., Ltd.	C346
Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd	C334
Shandong Linglong Tire Co., Ltd	C363
Shandong Jinyu Tire Co., Ltd	C362
Sailun Jinyu Group Co., Ltd.	C351
Shandong Kaixuan Rubber Co., Ltd.	C353
Weifang Yuelong Rubber Co., Ltd	C875 ([2])
Weifang Shunfuchang Rubber And Plastic Products Co., Ltd.	C377
Shandong Hengyu Science & Technology Co., Ltd.	C358
Jiangsu General Science Technology Co., Ltd.	C341
Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd	C878 ([3])
Hefei Wanli Tire Co., Ltd	C876 ([4])
Giti Tire (Anhui) Company Ltd	C332
Giti Tire (Fujian) Company Ltd	C332
Giti Tire (Hualin) Company Ltd	C332
Giti Tire (Yinchuan) Company Ltd	C332
Qingdao GRT Rubber Co., Ltd.	C350
Zhongce Rubber Group Co., Ltd	C379

([1]) Fir-Regolamenti inkwistjoni, il-kodiċi addizzjonali TARIC C333 jidentifika l-produtturi esportaturi li ġejjin:

Aeolus Tyre Co., Ltd;
Aeolus Tyre (Taiyuan) Co., Ltd;
Qingdao Yellow Sea Rubber Co., Ltd;
Pirelli Tyre Co., Ltd
Kodiċi addizzjonali TARIC ġdid huwa assenjat lil Aeolus Tyre Co., Ltd għar-reġistrazzjoni.

(2) Fir-Regolamenti inkwistjoni, Weifang Yuelong Rubber Co., Ltd hija marbuta mal-kodiċi addizzjonali TARIC C999.
(3) Fir-Regolamenti inkwistjoni, il-kodiċi addizzjonali TARIC C371 jidentifika l-produtturi esportaturi li ġejjin:

Shanghai Huayi Group Corp. Ltd
Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd
Kodiċi addizzjonali TARIC ġdid huwa assenjat lil Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co. Ltd għar-reġistrazzjoni.
(4) Fir-Regolamenti inkwistjoni, Hefei Wanli Tire Co., Ltd hija marbuta mal-kodiċi addizzjonali TARIC C999.